**52. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello Du Puis jipproponi:**

Billi hemm provdut fis-subartiklu (1) ta' l-artiklu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 143 tal-Liġijiet ta' Malta) illi l-President ta' Malta jista' minn żmien għal ieħor, jagħmel, ibiddel u jħassar regolamenti dwar l-għoti ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u allowances oħra lil persuni li kien fis-servizz ta' Malta jew ir-rappreżemtanti legali jew dipendenti tagħhom;

U billi hekk provdut ukoll fis-sub-artiklu (4) ta' l-artiklu 3 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija illi ebda regolamenti magħmul taħt l-istess artiklu 3 ma għandu jkollu effett kemm-il darba ma jkunx irċeiva minn qabel l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti mgħarrfa b'riżoluzzjoni;

U billi din il-Kamra tirritjeni illi huwa opportun li jsiru r-regolamenti hawn taħt imsemmija;

Għalhekk din il-Kamra tapprova r-regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet li jinsabu annessi ma' din ir-riżoluzzjoni.".

03.02.1988